# TALB WARA T-TQARBIN TA' SAN ĠORĠ PRECA



**Sinjur Alla, jiena għandi bżonnok:**
**agħtini l-grazzja li f'kollox nirrassenja ruħi**
**mal-volontà providenzjali tiegħek:**
**inti Missieri u jiena ibnek/bintek.**

**Sinjur Alla, jiena għandi bżonnok:**
**agħtini l-grazzja li nirbaħ kull okkażjoni**
**tar-rispett uman biex nippreferik**
**fuq kulħadd u fuq kollox.**

**Sinjur Alla, jiena għandi bżonnok:**
**agħtini l-grazzja li ma nirrifjuta lil ħadd**
**dak li nista' nagħmel ta' ġid**
**lill-proxxmu tiegħi fil-bżonn.**

**Sinjur Alla, jiena għandi bżonnok:**
**agħtini l-grazzja li nirringrazzjak fuq kull ma jiġi fuqi**
**kemm ħwejjeġ prosperi kemm ukoll penużi,**
**għax kollox jiġi minnek.**

**Sinjur Alla, jiena għandi bżonnok:**
**agħtini l-grazzja li qatt ma nwarrab mill-ħsieb tiegħi**
**l-preżenza tiegħek,**
**li dejjem inti xhud ta' kull ma naħseb, ta' kull ma ngħid,**
**ta' kull ma nagħmel.**

**Sinjur Alla, jiena għandi bżonnok:**
**agħtini l-grazzja li nagħtik qalbi kollha**
**b'tgħakkis kontinwu ta' kull ma jogħġob lin-natura tiegħi,**
**speċjalment f'għajnejja.**



**Sinjur Alla, jiena għandi bżonnok:**
**agħtini l-grazzja li kif nista'**
**naħdem għas-salvazzjoni tal-erwieħ,**
**li huma tant prezzjużi għax huma xbieha tiegħek.**

**Sinjur Alla, jiena nistqarr li u la jien u lanqas ħadd**
**ma jista' jagħmel xejn mingħajr il-grazzja tiegħek:**
**għalhekk la tiċħadx dak li lilna jenħtieġ**
**għax inti ħlaqtna għalik. Ammen.**



**PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI**

# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

**Tel: 21 649 223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

## IMMA X'QALB GĦANDEK!

Kemm-il darba nisimgħu din l-espressjoni li tistedinna neżaminaw il-konvinzjonijiet u l-valuri tagħna. Mill-banda 'l oħra sirna ta' spiss nisimgħu fuq il-mard tal-qalb u tant twissijiet biex nieħdu ħsieb ta' saħħitna ħalli nevitaw xi attakk tal-qalb. Il-qalb hija l-muskolu li bit-taħbita tiegħu iħallina ngawdu l-ħajja.

### *Fil-Kotba Mqaddsa*

Fil-Bibbja nsibu bosta referenzi għall-qalb bħal ngħidu aħna: *"Għajjat bil-ferħ ta' qalbek, bint Sijon"* [Sof. 3, 14] u *'Infaħħrek, Mulej, b'qalbi kollha'* [Salm 9,2]. Fil-kuntest bibliku, il-qalb mhijiex biss iċ-ċentru ta' kull emozzjoni bħall-ferħ, in-niket, ir-rabja, l-imħabba, il-qlubija u l-biża', imma wkoll fejn jitnissel u jitfassal il-ħsieb u għalhekk twassal għal riflessjoni intelletwali. Hija għandha wkoll il-kapaċità li tifhem, li tmexxi b'ġustizzja u għerf, li tiddeċiedi filwaqt li tgħarbel u tagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin. Hija tiġbor fiha l-kuxjenza tiegħu u meta fil-Bibbja nsibu referenza għall-qalb safja bħal *"Oħloq fija qalb safja, o Alla"* [Salm 51, 12], talba li ta' spiss intennu fi żmien ir-Randan, din turi x-xewqa tal-bniedem li jkollu kuxjenza dejjem imġedda u perfetta. Min-naħa l-oħra, *'qalb il-bniedem kollha qerq u mħassra'* [Ġer. 17, 9] taf ukoll tagħti lok għal sentimenti negattivi, bħall-kburija, l-qerq u l-qalb iebsa: *'[Sedekija] webbes qalbu biex ma jerġax lura għal għand il-Mulej, Alla ta' Iżrael'* [2 Kron. 36, 13]. San Ġakbu jwissi wkoll: *'Imma jekk intom għandkom l-għira u l-imrar f'qalbkom u ħsiebkom fil-ġlied, qisu li b'hekk ma tiftaħrux u tigdbu kontra l-verità'* [Ġak. 3, 14]. Aħna nkunu bnedmin skont dak li jkun hemm f'qalbna għax bħalma jgħid Ġesù nnifsu: *'Mill-abbundanza tal-qalb jitkellem il-fomm'* [Lq. 6, 45]. Jekk f'qalbna hemm it-tajjeb, dan huwa dak li se nwasslu madwarna, iżda jekk qalbna mimlija ħażen, allura mhux se jkollna affarijiet sbieħ x'naqsmu mal-oħrajn.

### *Fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*

Anke l-KKK (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika)* jitkellem fuq il-qalb: *'Il-qalb hi l-post fejn jien, jew fejn ngħammar (skond il-ħsieb semitiku jew bibliku: fejn "ninżel"). Hi ċ-ċentru moħbi tagħna, mhux milħuq mir-raġuni tagħna u lanqas minn ħadd; hu l-Ispirtu ta' Alla biss li jgħarbilha u jagħrafha. Hi l-post tad-deċiżjonijiet fil-qiegħ l-aktar fond tat-tendenzi psikiċi tagħna. Hi l-post tal-verità, fejn nagħmlu l-għażla bejn il-mewt u l-ħajja.*

*Hi l-post fejn niltaqgħu ma' Alla, għax aħna xbieha ta' Alla u ngħixu f'relazzjoni miegħu: hi l-post fejn iseħħ il-Patt'* (par. 2562-2563). Għaldaqstant, fil-qalb tiegħu l-bniedem jiddeċiedi u jobdi; il-qalb hija l-involviment tal-persuna sħiħa fil-mixja umana tagħha. Hija fil-qalba tal-qalb tiegħu li l-bniedem jiltaqa' mal-kelma ta' Alla u għalhekk, qalb il-bniedem hija l-ispazju uniku fejn isseħħ il-konverżjoni.

***Fid-dawl tal-Qalb ta' Ġesù imdakkra mill-Qalb ta' Missier***

Biss, żgur li l-konverżjoni ta' kull bniedem ma tistax isseħħ jekk ma dduqx mill-ħniena u t-tjubija li jaslulna mill-Qalb ta' Ġesù. Alla l-Missier tana lil Ibnu biex fih niskopru kif inkunu bħalu, *'ta' qalb ħelwa u umli'* (Mt 11, 29), hu li qatt ma warrab lil ħadd, imma stieden u laqa' lil kull min wera x-xewqa li jersaq lejh u jimxi warajh. Iżda min jaf kemm bħala bniedem Ġesù mexa fuq l-eżempju u l-mudell li tah u kien għalih il-missier putattiv tiegħu f'din l-art, San Ġużepp? F'din is-sena ddedikata lil San Ġużepp, Papa Franġisku stess bħal donnu jagħtina din l-ispirazzjoni, u dan bl-Ittra appostolika tiegħu ***'Patris Corde' - B'qalb ta' missier***, fejn jurina kif il-qalb ta' San Ġużepp kienet qalb li żgur kienet mimlija b'Alla, u hekk tixbah lill-qalb ta' Alla.

Ġużeppi kien umli, ġust u onest fir-relazzjonijiet u l-ħidmiet tiegħu; kien ta' twemmin sod, u missier b'qalb ħelwa u miftuħa għall-oħrajn.

Tajjeb li, fil-wens ta' din il-qalb ta' missier, ta' San Ġużepp, u mħeġġin mill-imħabba u l-ħniena li jfuru mill-Qalb ta' Ġesù, inkunu dejjem aktar nies li nemmnu u nagħmlu ħilitna kollha biex qalbna tkun tassew fil-post it-tajjeb u tħaddan il-valuri t-tajba li jsostnu l-ħajja, u hekk tkun ma' dak li għalina ta ħajtu. Jalla f'qalbna jkollna sentimenti sbieħ li joħolqu spazju fejn Alla nnifsu jkun jista' jgħammar, u li bihom aħna nkunu nistgħu nsibu l-mistrieħ u l-paċi f'dak li ħalaqna u fdiena. Jalla għalhekk ngħixu bis-sħiħ il-kliem ta' Ġesù nnifsu, *'fejn hemm it-teżor tiegħek, hemm tinsab qalbek ukoll'* (Mt 6, 21).

Filwaqt li f'dan ix-xahar ukoll nifirħu lill-missirijiet kollha, nawgurawlhom ukoll li jkollhom tassew, bħal San Ġużepp, qalb ta' missier li tħabbat għal uliedhom u li fihom irawmu valuri sodi sabiex minnhom jagħmlu rġiel u nisa ta' sinsla, li jkunu sinjal qawwi fid-dinja tal-fidi u l-għixien tal-aħbar it-tajba li ġabilna Ġesù.

***Mulej, agħmel li qalbna tkun tixbaħ lil tiegħek!***

***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***



Katherine Jane Camilleri
Elijah Jacob Falzon
Isaac Farrugia

---- o ----

***Ingħaqdu fiż-Żwieġ***



Paul Paris u Cynthia Zaffarese

---- o ----

***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***



Joseph Zammit
Damian Cauchi
Joseph Camilleri

***Nitolbu għalihom!***





# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
## Ħal Safi - Ġunju 2021

Il-Ġimgħa 4 ta' Ġunju
**L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**
Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom
Fis-6:30pm - Quddiesa u fis-7:00pm - Adorazzjoni

Il-Ħadd 6 ta' Ġunju
**Solennità tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu**
***u Bidu tal-Ġimgħa Ewkaristika***



Fis-6:45am - Quddiesa
Fid-9:00am - Quddiesa
Fl-10:30am - Quddiesa bi-Magħmudija
Fil-5:00pm - Adorazzjoni personali fis-skiet
*Fis-6:00pm - Quddiesa*
*Mis-7:00pm - Adorazzjoni mmexxija mill-Kappillan*
*sas-7:30pm li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.*
*Jixxandru online fuq il-facebook page tal-parroċċa.*

Mit-Tnejn 7 ta' Ġunju sas-Sibt 12 ta' Ġunju
**AM:**
Fis-7:30am - Quddiesa
Mit-8:00am - Adorazzjoni personali fis-skiet
sad-9:00am quddiem Ġesù Sagramentat.
**PM:**
Fis-6:30pm - Quddiesa
Mis-7:00pm - Adorazzjoni personali fis-skiet
sas-7:30pm quddiem Ġesù Sagramentat
li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

Il-Ħadd 13 ta' Ġunju
**Festa tal-Qalb ta' Ġesù**
***u Għeluq tal-Ġimgħa Ewkaristika***



Fis-6:45am - Quddiesa
Fid-9:00am - Quddiesa
Mill-9:45am - Adorazzjoni personali fis-skiet
sal-10:30am quddiem Ġesù Sagramentat
Mill-5:15pm - Adorazzjoni personali fis-skiet
sas-5:55pm quddiem Ġesù Sagramentat
*Fis-6:00pm - Quddiesa*
*Mis-7:00pm - Adorazzjoni bl-Att ta' konsagrazzjoni*
*sas-7:30pm lill-Qalb ta' Ġesù,*
*li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.*
*Jixxandru online fuq il-facebook page tal-parroċċa.*

Il-Ħadd 20 ta' Ġunju
***Jum il-Missier - Anniversarju Saċerdotali:***
Kan. Ivan Scicluna – 18-il sena (2003)
Fl-10:30am - Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija
Fis-6:00pm - Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(Ma ssirx fil-knisja)*

It-Tlieta 29 ta' Ġunju
**Solennità tal-Martirju ta' S. Pietru u Pawl - L-Imnarja**
***Anniversarju Saċerdotali:***
Kan. David Farrugia - Kappillan – 17-il sena (2004)
Dun Tony Pace – 1 sena (2020)